MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 83/2023-8

It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

## 83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

83.1.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Viċi Sindku Sandra Grech ser tittardja.

## 83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

83.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 82/2023-8, ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

83.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

83.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għalhekk is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Minuti Nru 82/2023-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

83.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini nfurmat lill-membri li mill-iskema SPI/SCI/14/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati, il-Kunsill ikkwalifika għal għajnuna finanzjarja ta' €9,282 u proponiet sabiex tinħareġ offerta sabiex jingħata bidu għal dan ix-xogħol. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li l-bord għandu jkun kompost minn Dr L Magrin – Chairman, membri Perit Xuereb, Ing Cauchi, l- Accountant Galea u Segretarja Odette Camilleri. Il-membri qablu.

83.3.2 Rigward Triq Ta' Ċenċ, is-Sindku nfurmat lil preżenti li wara li sar il-'coring' ġiet infurmata mill-Ministeru għal Għawdex li ser titħejja BOQ sabiex tinbena struttura u l-bini li hemm fuq ir-riħ ma jibqax iċedi. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li wara li sar il-'coring' it-triq kważi ċediet għal kollox. Propona u l-membri qablu sabiex jinqata l-ħaxix li hemm mas-sies minħabba li qed ikun hemm il-ġrieden. Dan ix-xogħol għandu jsir minn J.Attard.

83.3.3 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Perit tal-Kunsill preżenta BOQ lil Ministeru għal Għawdex sabiex jingħata bidu għal l-ewwel fażi ta' kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar. L-ispiża hi mistenniha li tkun madwar €1.4M. Din għaddiet f'idejn il-MGOZ biex tinħareġ l-offerta.

83.3.4 Is-Sindku nfurmat lil membri li kif kien ġie maqbul tħejja l-programm għal attivitajiet tal-Milied u li ser ikun hekk:
8 ta' Diċembru – Salt Festival b'sezzjoni ta' nformazzjoni rigward l-industrija tal-melħ.
9 ta' Diċembru – Salt Festival b'attivita' taħt it-tinda fi Pjazza l-Assunta bis-sehem tad-D Capitals Band.
10 ta' Diċembru – Natale Sul Colle Christmas Market.
12 ta' Diċembru – Mawra għal Belt u Fairy Land għar-residenti.
15 ta' Diċembru – Sezzjoni ta' Qari u attivita' fil-Librerija bl-isem ta' 'It's always merry in the Library'.
21 ta' Diċembru – It-'train ride' għat-tfal flimkien mal-parroċċa.
22 ta' Diċembru – Il-Kunċert tal-Milied u l-mixgħela fuq iz-zuntier.
23 ta' Diċembru – Attivita' bl-isem 'O'Ġesu Bambin' flimkien mal-parroċċa.
28 ta' Diċembru - Festa Tfal fiċ-ċentru tal-katekeżi.

83.3.5 Il-membri qablu sabiex ma dawn l-attivitajiet tiżdied attivita' fejn il-Kunsill joffri servizz ta' Father Christmas fiż-Żebbuġ u Marsalforn sabiex iqassam ir-rigali lit-tfal lejlet il-Milied. Il-Kunsill għandu joħroġ avviż fejn iħeġġeġ lin-nies jinkitbu.

83.3.6 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-istudenti ta' St Francis School kitbula ittra fuq il-'posidonia flora' (alka) kif ukoll ssottomettew pitturi sabiex tinħoloq kuxjenza biex inħarsu l-alka. Il-membri qablu li ssir billboard b'dawn il-pitturi u titwaħħal fejn l-għassa ta' Marsalforn.

## 83.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

83.4.1 *Il-Kunsillier, Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

83.4.1.2 Ġibed l-attenzjoni tal-membri sabiex titranġa fossa tad-drenaġġ li m'għadhiex tintuża fejn il-Klabb tal-futbol. Il-membri qablu li titranġa mis-Sur J. Cefai.

83.4.1.3 Talab sabiex jitmexxa iktar lejn il-bajja is-shower li hemm fil-Bajja tal-Qbajjar u dan għaliex x'ħin ikunu qed itellgħu bastimenti kbar dan qed jintlaqat. Il-membri qablu li jqabbdu lis-Sur T. Cini sabiex iressqu.

83.4.2 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

83.4.2.1 Talab sabiex issir tfakkira biex jeħlu l-crash barriers fejn il-ġebla tal-munġitar fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu.

83.4.2.2 Talab sabiex terġa teħel l-Stop Sign fi Triq il-Munġbel faċċata ta' Triq ir-Rabat u jsir repainting ta' l-stop ta' l-art. Il-membri qablu.

83.4.2.3 Talab sabiex teħel tabella li tindika li hemm kaxxa riservata għal persuni b'diżabilita' fi Pjazza San Pawl, Marsalforn. Il-membri qablu.

83.4.2.4 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lit-taqsima tat-toroq sabiex jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ skond il-pjanta approvata minn TM ta' Triq Għar Qawqla. Il-membri qablu.

83.4.2.5 Informa lil membri li kienet ser tittajjar tifla fil-pedestrian zone fil-Wied ta' Marsalforn u għalhekk propona sabiex tintbgħat korrispondenza lil LESA, TM u Pulizija sabiex jagħmlu aktar rondi f'dawn l-inħawi. Il-membri qablu wkoll li terġa titwaħħal it-tabella li turi li hi żona pedonali fi Triq Għajn Qamar fix-Xagħra.

83.4.2.6 Ġibed l-attenzjoni għal ħmieġ li hemm fil-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Be Clean Ltd. Propona u l-membri qablu li għandhom jeħlu tabelli tal-klieb lejn in-naħħa tal-baħar.

83.4.2.7 Informa wkoll lil membri li hemm ħafna dlam fil-Qbajjar Promenade. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li diġa tqabbad N. Cassar sabiex iwaħħal xi floodlights. Talab sabiex tinġibed l-attenzjoni tad-Direttur J. Cutajar sabiex jinqala' l-festun li hemm imwaħħal minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex għax qed iwaqqa s-salva vita tal-fanali li waħħal il-Kunsill.

83.4.2.8 Propona sabiex fil-front ta' Marsalforn jiġifieri fil-Menqa u Triq il-Port ssir talba lil Enemalta sabiex il-wires tad-dawl li hemm imwaħħla mal-faċċata tad-djar tan-nies jinqalgħu u minflok jgħaddu mis-service culverts li saru mal-proġett. Peress li dan il-proġett sar mill-Ministeru għal Għawdex il-membri qablu li għandhom jitolbu lil Ministeru għal Għawdex.

*Il-Viċi Sindku Sandra Grech skużat ruħha li waslet tard u daħlet fil-kamra fil-4.20 ta' filgħaxija.*

83.4.2.9 Irringrazzja lil TM li rranġaw l-crash barriers fejn iċ-ċimiterju u fejn il-Wied tas-Salve Reġina wara talba li saret mill-Kunsill. Talab sabiex tintbgħat tfakkira sabiex jitneħħa l-perikolu fejn il-Wied tas-Salve Reġina li jinsab fil-konfini tar-Rabat. Propona sabiex jinbena ħajt tal-ġebel ta' 3 filati biex jitnaqqas il-perikolu. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li minflok jitpoġġew bollards tal-ħadid u *gate* quddiem il-pont sabiex jitneħħa kull perikolu. Wara diskussjoni il-membri qablu li qabel ma jsir xi xogħol jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

83.4.2.10 Staqsa rigward iz-*zebra crossing* ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmatu li TM approvawha pero biex issir iridu jitwaħħlu l-*pelican lights*. Il-membri qablu li jitolbu kwotazzjoni lil R. Cauchi sabiex isir dan ix-xogħol.

83.4.2.11 Propona u l-membri qablu sabiex jinzebgħu l-bandli tal-Qbajjar Promenade. Ġie deċiż li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

83.4.2.12 Talab biex isir patching bil-konkos fi Triq il-Ponta kantuniera ma Triq tal-Kanun. Il-membri qablu.

83.4.2.13 Talab sabiex titnaddaf mit-trab it-triq ta' fejn is-Salini. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Public Cleansing.

83.4.2.14 Propona u l-membri qablu li għandu jiġi restawrat il-winċ li hemm fil-Bajja ta' taħt ix-Xifer. Qablu li dan ix-xogħol isir minn S. Caruana. Qablu wkoll li ssir talba lil Kejselli sabiex il-winċijiet li kellhom jiġu rrestawrati u li nqalgħu meta sar il-proġett tal-Menqa jerġew jitwaħħlu.

83.4.2.15 Informa lil membri li f'tal-Hamra saret rampa temporanja fil-wied li tostakola l-korsa ta' l-ilma. Propona u l-membri qablu li wara li jiġi mitkellem ma min poġġa it-terrapien, dan jitneħħa u jinqata' l-ħaxix.

83.4.2.16 Propona sabiex il-kaxxa postali ta' Pjazza l-Assunta tiġi wkoll restawrata. Is-Sindku żiedet tgħid li anke l-kaxxa postali ta' Triq Madonna taċ-Ċiċċri wkoll tiġi restawrata. Il-membri qablu.

83.4.2.17 Propona sabiex issir rampa fit-taraġ li hemm f'tarf Triq Barda. Il-Viċi Sindku nfurmatu li fil-Kunsill preċedenti kienet diġa talbet għal dan pero'

l-Perit tal-Kunsill kien informa lil Kunsill li din ma tistax issir. Il-Kunsillier Nicky Saliba fakkar li hemm bibien ta' residenti li qedgħin f'dan it-taraġ u għalhekk il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex jekk inhu possibli r-rampa ssir fin-nofs bir-railiing fuq iż-żewġ naħħat. Il-membri qablu li għandu jittieħed il-parir tal-Kunsill.

83.4.2.18 Informa lil membri li tkellem ma' sid ta' għalqa sabiex itella' 3 filati ma l-għalqa tiegħu li tinsab fuq ir-riħ ta' Triq il-Qbajjar.

83.4.3 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

83.4.3.1 Staqsiet rigward il-bozza li kellha teħel fi Triq is-Salini. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li saret l-applikazzjoni ma' l-Enemalta sabiex teħel il-bozza u tingħata d-dawl.

83.4.3.2 Talbet sabiex jeħlu tabelli tal-bulky fi Triq il-Qbajjar u l-inħawi tal-Qolla s-Safra. Il-membri qablu.

83.4.3.3 Talbet sabiex jinkines it-taraġ ta' fejn l-għassa ta' Marsalforn. Għandhom jiġu nfurmati l-Public Cleansing Section b'dan.

83.4.3.4 Staqsiet jekk il-Kunsill hux ser ikun qed jiprovdi l-ikel tal-qtates lil *cat feeders*. Ġiet infurmata li l-Kunsill jixtri dan l-ikel fis-sena l-ġdida.

83.4.3.5 Talbet sabiex jitella' ħajt madwar għalqa fi Triq il-Qolla s-Safra kantuniera ma Triq Manwel Magro. Il-Kunsillier Daniel Cordina għandu jgħaddi l-kuntatt tas-sid lis-Seg. Eżekuttiv.

83.4.3.6 Talbet sabiex jitneħħa l-ġebel kbir li hemm taħt il-bankini fi Triq il-Qbajjar.

83.4.3.7 Proponiet u l-membri qablu li ssir bandla mżejna u b'Welcome to Marsalforn fil-ġnien ta' Triq il-Wied quddiem l-ispiżerija. Il-membri qablu li jitqabbad l-artist Żebbuġi Mario Cassar sabiex iħejji disinn.

83.4.3.8 Ġibdet l-attenzjoni rigward il-bozzoz li baqgħu ma nxtelgħux fi Triq ir-Rabat. Qablu li għandha terġa ssir tfakkira lil Enemalta.

83.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

83.4.4.1 Talab sabiex jintbgħatu tfakkiriet:

- Lil Inġineer ta' l-Enemalta sabiex jagħtina risposta minn fejn ser jingħata d-dawl għal Triq Għajn Mhelhel fejn hemm il-bankijiet
- Sabiex R. Cauchi jibda' jwaħħal l-arbli fejn ser jitwaħħlu s-CCTVs li ser ikunu mqabbda mal-LESA.
- Sabiex N. Cassar jieħu ħsieb li jwaħħal dawl fi Triq Għajn Mhelhel kantuniera ma' Triq ix-Xwejni.
- Sabiex l-Avukat tal-Kunsill jibgħat il-parir tiegħu rigward il-gradi ta' fuq il-bankini ta' Triq Barda.

.3.4.4.2 Propona u l-membri qablu li jinżebgħu żewġ kaxxi tal-parkeġġ fi Triq Għajn Mhelhel.

83.4.4.3 Talab u l-membri qablu sabiex jitnaddaf il-passaġġ ta' fuq ix-xelters tal-gwerra fi Triq il-Knisja. Qablu li x-xogħol jsir minn J. Attard.

83.4.4.4 Talab sabiex isiru sinjali f'nofs Triq Għajn Mhelhel fejn il-ġebla tal-munġitar u l-parti t'isfel ta' l-istess triq. Is-Sindku nfurmatu li jrid isir traffic management mill-Perit tal-Kunsill sabiex tkun tista' ssir talba ma TM. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li meta kienet ingħata l-kisi ta' din it-triq kien sar traffic management. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja f'dan ir-rigward.

83.4.4.5 Informa lil membri li saret serqa fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq it-Torn u għalhekk propona li teħel bozza f'dawn l-inħawi. Il-membri qablu li għandha teħel bozza ma' l-arblu tad-dawl fejn ser teħel is-CCTV.

83.4.4.6 Propona sabiex il-Kunsill jixtri ftit bozzoz solar sabiex fejn ikun hemm id-dlam jitwaħħlu dawn sakemm titwaħħal il-bozza permanenti. Il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

83.4.4.7 Propona u l-membri qablu sabiex issir talba lil Enemalta biex jiżdied id-dawl tat-triq lejn l-għerien fejn hemm is-salini.

83.4.4.8 Propona sabiex il-Kunsill jibda jpoġġi fuq il-paġna ta' facebook il-permessi li jinħarġu tal-krejns. Il-membri ma qablux ma' din il-proposta.

Hawn il-Kunsillier Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni sabiex jekk xi resident jitlob permess ta' lifter għal kwarta fi triq meqjusa bħala arterja, l-Kunsill ma jġelux jagħmel TM officers. Wara diskussjoni l-membri qablu li ma jinġalax jagħmel TM officer sakemm it-triq ma tkunx ser tingħalaq, ix-xogħol ma jkunx ser idum iktar minn nofsija u l-permess jingħata biss waqt li ma tkunx ser tgħaddi l-karozza tal-linja f'dik in-nofsija.

**83.5 Performance Bonus tal-ħaddiema tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex tkun tista' toħroġ mill-kamra biex il-membri jkunu jistgħu jiddiskutu din il-materja. Is-Sindku ssospendiet il-laqgħa fil-5.25pm sabiex din il-materja tkun tista' tiġi diskussa. Is-Seg. Eżekuttiv ġiet mistiedna sabiex terġa tidħol fil-kamra fil-5.30pm u ġiet infurmata li l-membri approvaw li l-ħaddiema kollha jingħatalhom il-massimu jiġifieri s-Seg. Eżekuttiv bl-10% waqt li l-ħaddiema l-oħra bis-6%.

**83.6 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet/offerti**

83.6.1 Kwotazzjoni mingħand Power Sound għal PA u lighting systems għax-xahar ta' Diċembru li tammonta għal €4,487.20 VAT inkluża. Il-membri qablu.

83.6.2 Kwotazzjoni minn Ispy rigward twaħħil ta' 7 CCTV cameras li ser jgħaddu f'idejn il-LESA u li ser ikunu mwaħħla fil-Menqa, Triq Frank Debono, Triq is-Sajjied u Triq il-Qbajjar tammonta għal €6,021.54 VAT inkluża. Il-membri qablu.

83.6.3 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ġie aċċettat sabiex jingħata €10,027.75 mill-fond ta' Ko-Finanzjament fuq il-Heritage Trail.

83.6.4 Evaluation Report rigward ZGLC/08/2023 – Provision of Sound and Band Services Together with other ancillary services related to the organisation and implementation of an event for Zebbug Gozo Local Council. Il-membri qablu li jimxu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u din l-fferta tingħata lil Power Sound għal prezz ta' €5,788 VAT eskluża.

83.6.5 Adjudication Memo – ZGLC/CFQ/07/2023 – Request for Quotations for the Provision of Folk Groups. Giet magħżula t-tieni l-irħas offerta Ta'

Verna Folk Goup għal prezz ta' €1,440 VAT exempt peress li l-ewwel offerant ma provdiex żeffiena kif mitlub fil-kwotazzjoni.

83.6.6 Adjudication Memo – ZGLC/CFQ/05/2023 – Request for Quotations to carry out Research and Info Cataloguing for Heritage Trail. Ġiet magħżula l-irħas offerta għal prezz ta' €3,500 dik ta' Mario Cassar Art Studio.

## 83.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

83.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn TM li id-disabled parking bays ta' J. Cullen ta' Triq il-Qolla s-Safra u ta' J. Attard ta' Triq il-Qbajjar ma ġewx approvati u dan għal kuntrarju ta' kif kienet infurmathom fil-laqgħa 82/2023-8. Is-Seg. Eżekuttiv talbet skuża għal informazzjoni ħażina li tathom fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsillier Daniel Cordina oġġezzjona għal fatt li ma ġietx aċċettata il-personalized parking bay ta' J. Cullen u talab sabiex il-Kunsill jinforma lil TM b'dan.

83.7.2 Rigward emejl mingħand TM rigward is-signage u bollards fil-front ta' Marsalforn. TM ma approvawx li jitwaħħlu bollards fi Triq ir-Rabat, Triq San Ġużepp u Triq Ulisse peress li ma hemmx fejn wieħed idawwar u jinħoloq perikolu. Proponew wkoll li r-restrizzjonijiet tal-Menqa jkun bħal ta' Triq il-Port sabiex ma tinħoloqx konfużjoni. Il-membri qablu li għandha tintalab laqgħa ma TM sabiex jattendu l-Kunsilliera.

83.7.3 Emejl mingħand l-Inġineer tal-Ministeru għal Għawdex fejn talab sabiex il-Kunsill jgħaddi l-meter tad-dawl taż-Żebbuġ Playing Field fuq isem il-Kunsill. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li diġa kienet saret talba simili fil-Kunsill preċedenti u l-Kunsill ma aċċettax ir-responsabilita' ta' dan il-kont. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jżomm l-istess pożizzjoni.

83.7.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva risposta mill-PA għal mistoqsija tal-Kunsill rigward il-fondi tad-DPF fuq iż-Żebbuġ Playing Field fejn il-Kunsill talab għal diversi drabi sabiex jitħallsu minn dawn il-fondi l-extra works u l-varjazzjonijiet mit-talba oriġinali tal-Kunsill li jammontaw għal aktar minn €70,000. Ir-risposta tagħhom kienet li kienu kkonsidraw din il-varjazzjoni pero ma kienux approvawha. Infurmaw lil Kunsill li mhux suppost sar ix-xogħol mingħajr il-konferma tagħhom fuq din il-varjazzjoni u infurmaw lil Kunsill li l-kas huwa magħluq. Il-Kunsillier

Baskal Saliba staqsa kemm għad baqa' jieħu l-PRAX fuq dan il-playing field. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ser tgħaddilu l-informazzjoni mitluba peress li bl-amment ma kienitx taf. Il-membri ma qablux mar-risposta tal-PA u l-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-Kunsill għandu jiġġieled għad-drittijiet tiegħu. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li fondi tad-DPF għad baqa' u staqsa kemm għad baqa' fondi. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ser tivverifika mal-PA u tgħaddilu l-informazzjoni mitluba. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jikteb bl-Avukat sabiex jingħata dawn il-fondi mitluba. Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa meta ser jiġi nawgurat dan il-Playing Field. Is-Sindku qaltlu li diġa nfurmathom li dan għandu jiġi nawgurat meta jitħallas il-kuntrattur. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li jintalbu fondi minn tad-DPF sabiex jitranġa l-Ġnien tat-3 Għoljiet. Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dan il-Ġnien mhux kompetenza tal-Kunsill u l-Kunsill xorta ma għandux fondi għal manteniment tiegħu. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-Kunsill għandu jitlob lil Ministeru għal Għawdex sabiex jgħaddi dan il-ġnien f'idejn il-Kunsill u l-fondi tad-DPF jintefqu fuq il-Qbajjar Promenade.

83.7.5 Talba mingħand G. Zammit sabiex issir un/loading bay quddiem id-dar tagħha fi Triq Għajn Mhelhel sabiex il-bejjiegħa tal-ħaxix u tal-ħut ikollhom fejn idawru. Is-Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba astjenew minn din id-deċiżjoni. Il-Viċi Sindku qablet ma din it-talba. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li tintbgħat talba lil TM waqt li l-Kunsillier Daniel Cordina ma qabilx ma din il-proposta peress li un/loading bay tinħareġ biss fejn ħanut li jbiegħ il-*white goods.*

83.7.6 Talba mingħand M.R Saliba sabiex il-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni magħha sabiex tiġi organizzata il-EWWR u din issir flimkien ma l-istudenti ta' l-iskola. Il-membri qablu li jiġi provdut il-materjal u s-servizz ta' trasport għal istudenti.

83.7.7 Talba mingħand J Scicluna sabiex il-Kunsill jixtri kotba għal librerija għal ktieb bl-isem JF de Chambray li jiswa' €120. Il-membri qablu li jinxtara ktieb wieħed.

83.7.8 Talba sabiex teħel bozza ġdida ma arblu fi Triq is-Sagħtrija quddiem nru 43 minħabba nuqqas ta' dawl. Il-membri qablu li għandha ssir talba għal bozza ġdida. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona sabiex ukoll mill-istage 'il fuq teħel bozza oħra fuq arblu ġa eżistenti. Il-membri qablu.

83.7.9 Is-Sindku infurmat lil membri li waslet talba sabiex il-Kunsill jagħmel dikjarazzjoni li sqaq fi Triq is-Sagħtrija jitnaddaf u jieħu ħsiebu l-Kunsill. Il-membri qablu li min qed jitlob għandu jiprovdi aktar informazzjoni.

83.7.10 Ilment mingħand A Xuereb rigward il-passaġġ tal-ġebel fi Triq is-Sellum fih il-konkos li jiżloq ħafna. Qal li barra minhekk fl-istess passaġġ saru xi toqob li huma perikolużi. Qal ukoll li l-ħajt tas-sejjiegħ perikoluz li jekk tagħmel ix-xita jista' jaqa'. Il-membri qablu li jiġbdu l-attenzjoni ta' sid l-aħħar post f'dan ir-rigward peress li l-ħsara u l-perikolu li tħalla f'dan il-passaġġ sar minnu.

83.7.11 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva risposta mingħand l-Awtorita' ta' l-Artijiet rigward il-ħajt ta' Abram fejn il-Kunsill ġie nfurmat li skond ir-records tagħhom dan il-ħajt jinsab fil-fażi ta' akkwist. Is-Sindku bgħatet mistoqsija lil Awtorita' ta' l-Artijiet sabiex jagħtu indikazzjoni lil Kunsill min qed jipprova jakkwistah. Il-Kunsillier Daniel Saliba talab sabiex il-Kunsill japplika ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet jekk il-passaġġ ta' fuq ix-xelters hux proprjeta' tal-Gvern.

83.7.12 Talba mingħand M. Vella sabiex isiru double yellow lines faċċata tal-flats ta' J Abela fi Triq ix-Xwejni. Il-membri qablu li din titħalla għal laqgħa oħra sabiex jiġi vverifikat għalfejn qed issir din it-talba.

83.7.13 Talba mingħand S Spiteri ta' Triq il-Lampuka fejn qed jilmenta sabiex jitneħħew 3 muturi li ta' kuljum ikunu ipparkjati u minflok isir single yellow line halli ma jipparkjawx. Il-membri qablu li għandu jintalab il-parir ta' TM.

83.7.14 Talba mingħand l-Animal Steward sabiex iġġedded 43.75 siegħa għas-sena 2024. Il-membri qablu.

83.7.15 Talba mingħand J Gilbert ta' Triq Mons Ġ. De Piro sabiex tinqal l-bozza biex ikun jista' jitkaħħal sew il-kantun u terġa titwaħħal fl-istess post. Il-membri qablu.

83.7.16 Talba mingħand D Spiteri sabiex titwaħħal bollard qabel it-taraġ li jieħdok għal bajja ta' Taħt ix-Xifer peress li periklu li tibqa' nieżla xi karozza. Il-membri qablu.

83.7.17 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-istima għax-xogħol ta' restawr fuq iż-żewġ kanuni tal-Pjazza ser jiġu jiswew hekk: €900 għas-sandblasting u xogħol ta' bdil ta' injam u restawr €5,605. Il-membri qablu li għandu jingħata bidu għal dan ix-xogħol.

83.7.18 Stima mingħand R Zammit għal xogħol addizzjonali fil-playing field il-ġdid tal-Qbajjar Promenade. L-istima għal dawn ix-xogħlijiet tammonta għal €1,652.

83.7.19 Rigward il-health insurance il-membri qablu li għandha tintgħażel il-basic scheme li tammonta għal €55 kull persuna.

83.7.20 Is-Seg. Eżekuttiva nfurmat lil membri li hemm bżonn jinxtraw 12-il siġra tat-tamarix ta' ħxuna taz-zokk ta' 28cm. Dawn jiswew €120-il waħda u skond l-ERA jridu jeħlu fil-Qbajjar Promenade sabiex jagħmlu tajjeb għat-8 siġriet mejta li nqalgħu minn Triq Santa Marija.

83.7.21 Il-membri qablu li għandha tinqala l-bozza minn ma arblu fi Triq Skapuċċina sabiex isir ix-xogħol ta' bini u wara terġa titwaħħal mal-post li ser jinbena. Il-Kunsill diġa kiseb l-approvazzjoni bil-miktub tas-sid. Qablu wkoll li jeħel floodlight proviżorju.

83.7.22 Sabiex isir ir-repainting tas-sinjali tat-traffiku (double yellow lines) fi Triq Skappuċċina. Il-Kunsillier Cordina talab sabiex jitnaddaf l-isqaq ta' Triq Għajn Mhelhel u jinġabar il-weraq ta' dindi mwaqqa' fi Triq tal-Konti. Il-membri qablu.

83.7.23 Talba sabiex sqaq fi Triq San Mikiel jingħatalu isem. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu li dan l-isqaq jissemma Sqaq San Fortunatu. Għandha ssir talba lil Street naming Committee.

83.7.24 Talba mingħand S. Grech sabiex jagħmel 20 siegħa xogħol mal-Kunsill fuq kors ta' l-MCAST. Il-membri qablu.

83.7.25 L-awtur PaulJon jixtieq jagħti donazzjoni ta' 3 kotba għal librerija. Il-membri qablu li jatuh donazzjoni ta' €30 bħala għajnuna peress li għal karita'.

**83.8** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 52/2023 għall-perjodu ta' Novembru 2023 li tammonta għal €73,948 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 27 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan wara li l-Kunsillier Nicky Saliba rċieva direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ma japprovax dan il-kont biss mill-iskeda ta' pagamenti.

**83.9** Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2023 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv